Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' April 2021
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali: 2021/0104(COD)**

**8132/21**
**ADD 3**

**DRS 18**
**EF 147**
**ECOFIN 379**
**SUSTDEV 48**
**CODEC 574**
**IA 61**
**COMPET 282**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 22 ta' April 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2021) 151 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **li temenda d-Direttiva 2013/34/UE, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014, fir-rigward tar-rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà** |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2021) 151 final.

---

Mehmuż: SWD(2021) 151 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.4.2021
SWD(2021) 151 final

# DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

# SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

*li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**li temenda d-Direttiva 2013/34/UE, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014, fir-rigward tar-rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà**

{COM(2021) 189 final} - {SEC(2021) 164 final} - {SWD(2021) 150 final}

| Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv |
|---|
| Valutazzjoni tal-impatt dwar il-Proposta għal Reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju (NFRD) |
| **A. Bżonn li tittieħed azzjoni** |
| **Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?** |
| Id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju (Non-Financial Reporting Directive, NFRD) teżiġi li ċerti kumpaniji kbar jirrappurtaw dwar kwistjonijiet soċjali, tal-impjegati u ambjentali, id-drittijiet tal-bniedem, it-tixħim u l-korruzzjoni. Bħalissa, l-informazzjoni rrappurtata mill-kumpaniji ma tissodisfax il-ħtiġijiet tal-utenti (l-investituri, is-soċjetà ċivili u oħrajn). Xi kumpaniji li l-utenti jeħtieġu informazzjoni mingħandhom ma jirrappurtawx. Anki meta l-kumpaniji jirrappurtaw, l-informazzjoni normalment ma tkunx rilevanti biżżejjed, komparabbli, affidabbli jew faċli biex tiġi aċċessata u użata. Hu mistenni li d-domanda tal-utenti għal informazzjoni mhux finanzjarja tiżdied b'mod sinifikanti, għalhekk dawn il-problemi se jintensifikaw. In-nuqqas ta' informazzjoni mhux finanzjarja adegwata għall-investituri u s-soċjetà ċivili joħloq riskji ta' investiment, ifixkel il-flussi finanzjarji lejn attivitajiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sostenibbiltà, u joħloq distakk fl-obbligu ta' rendikont bejn il-kumpaniji u ċ-ċittadini. Dawk li jippreparaw (il-kumpaniji li jirrappurtaw) iġarrbu spejjeż bla bżonn minħabba l-inċertezza dwar x'għandu jiġi rrappurtat u t-talbiet tal-partijiet ikkonċernati għall-informazzjoni flimkien ma' dak li l-kumpaniji jirrappurtaw pubblikament. Il-flessibbiltà u n-nuqqas ta' speċifiċità fl-NFRD huma wħud mir-raġunijiet għal dan. Barra minn hekk, hemm ħafna standards u oqfsa ta' rappurtar li jikkoinċidu, u konsegwentement ma hemm l-ebda kunsens dwar x'jenħtieġ jirrappurtaw il-kumpaniji. |
| **X'inhu mistenni li tikseb din l-inizjattiva?** |
| Din l-inizjattiva għandha l-għan li tiżgura li l-kumpaniji li mingħandhom l-utenti jeħtieġu informazzjoni mhux finanzjarja, jirrappurtaw tali informazzjoni, u li l-informazzjoni rrappurtata tkun rilevanti, komparabbli, affidabbli, u faċli biex tiġi aċċessata u użata. Għandha l-għan ukoll li tnaqqas l-ispejjeż bla bżonn għal dawk li jippreparaw. Billi tippermetti lill-investituri jevalwaw aħjar ir-riskji u l-impatti tas-sostenibbiltà tal-investimenti, se timmobilizza l-finanzjament privat b'appoġġ għall-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan jikkontribwixxi għat-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali billi jippermetti lill-investituri jaċċessaw informazzjoni mhux finanzjarja komparabbli minn destinatarji ta' investiment fl-UE kollha. L-inizjattiva se ssaħħaħ ukoll il-kuntratt soċjali bejn il-kumpaniji u s-soċjetà billi tagħmel il-kumpaniji aktar responsabbli għall-impatt tagħhom fuq is-soċjetà u fuq l-ambjent. |
| **X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?** |
| Hija biss l-azzjoni tal-UE li tista' tiggarantixxi l-komparabbiltà tal-informazzjoni mhux finanzjarja rrappurtata madwar is-suq uniku, u l-koerenza tar-rekwiżiti ta' rappurtar bejn l-NFRD u leġiżlazzjoni finanzjarja sostenibbli oħra (inkluż ir-Regolament dwar id-Divulgazzjoni ta' Finanzi Sostenibbli u r-Regolament dwar it-Tassonomija). Hemm bżonn ta' regoli komuni mal-UE kollha biex jitnaqqsu r-riskji ta' rekwiżiti differenti ta' rappurtar fi Stati Membri differenti, li joħolqu spejjeż addizzjonali għall-kumpaniji li joperaw bejn il-fruntieri u jdgħajfu s-Suq Uniku. Barra minn hekk, l-intervent tal-UE jista' jagħti lill-UE aktar importanza fl-iżviluppi tal-politika globali fir-rappurtar mhux finanzjarju. |
| **B. Soluzzjonijiet** |
| **X'opzjonijiet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm opzjoni ta' preferenza? Għaliex?** |
| Il-valutazzjoni tal-impatt iffukat fuq dawn it-tliet kwistjonijiet: (1) l-istandardizzazzjoni, speċifikament jekk għandhomx jiġu żviluppati standards ta' rappurtar mhux finanzjarju tal-UE u jekk il-kumpaniji għandhomx jintalbu jużawhom; (2) aċċertament, speċifikament jekk jenħtieġx li l-informazzjoni mhux finanzjarja rrappurtata tiġi aċċertata u jekk iva f'liema livell; u (3) kamp ta' applikazzjoni, speċifikament liema kategoriji ta' kumpaniji jenħtieġ ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' rappurtar. L-opzjoni tal-politika ta' preferenza hija: (1) ikun meħtieġ li l-kumpaniji kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tal-NFRD jirrappurtaw f'konformità mal-istandards tal-UE; (2) ikun meħtieġ li l-kumpaniji kollha fil-kamp ta' applikazzjoni jfittxu aċċertament limitat għall-informazzjoni mhux finanzjarja rrappurtata, bi klawżola ta' rieżami biex tiġi esplorata l-ħtieġa li wieħed jgħaddi għal aċċertament raġonevoli (livell ogħla u aktar impenjattiv ta' aċċertament) f'terminu medju; u (3) jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-NFRD għal kull kumpanija kbira b'responsabbiltà limitata u għall-biċċa l-kbira tal-kumpaniji kkwotati. Il-kompromess prinċipali huwa bejn rekwiżiti b'saħħithom ta' rappurtar u ta' aċċertament b'kamp ta' applikazzjoni wiesa', li hu effettiv ħafna biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti iżda jiswa aktar flus għal dawk li jippreparaw; u rekwiżiti ta' rappurtar u ta' aċċertament inqas stretti u kamp ta' applikazzjoni aktar ristrett, inqas effettiv biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-utenti iżda f'terminu qasir inqas għaljin għal dawk li jippreparaw. L-opzjoni ta' preferenza tkun dik li tilħaq l-objettivi tal-inizjattiva bl-inqas spiża possibbli. |

| |
|---|
| **Min jappoġġa liema opzjoni?** |
| L-utenti (l-investituri, is-soċjetà ċivili u oħrajn) ġeneralment jappoġġaw rekwiżiti aktar stretti ta' rappurtar u ta' aċċertament u kamp ta' applikazzjoni usa', filwaqt li dawk li jippreparaw ġeneralment jappoġġaw rekwiżiti inqas stretti u kamp ta' applikazzjoni aktar ristrett. Minkejja dawn id-differenzi, hemm appoġġ wiesa' għal rekwiżit li jintużaw l-istandards tal-UE dwar ir-rappurtar mhux finanzjarju, fosthom għadd sinifikanti ta' dawk li jippreparaw. L-istituzzjonijiet finanzjarji, li huma kemm utenti kif ukoll dawk li jippreparaw, huma aktar favur rekwiżiti ta' rappurtar u ta' aċċertament aktar stretti u kamp ta' applikazzjoni usa' mill-biċċa l-kbira tal-kumpaniji tas-settur mhux finanzjarju. |
| **C. Impatti tal-opzjoni ta' preferenza** |
| **X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ta' preferenza (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?** |
| L-utenti se jibbenefikaw minn aċċess aħjar għal informazzjoni mhux finanzjarja komparabbli, rilevanti u affidabbli mingħand aktar kumpaniji. Dan se jnaqqas ir-riskji tal-investiment fis-sistema finanzjarja, iżid il-flussi finanzjarji lejn kumpaniji b'impatti soċjali u ambjentali pożittivi, u jagħmel il-kumpaniji aktar responsabbli. L-opzjoni proposta tiggarantixxi li madwar 49 000 kumpanija jirrappurtaw tali informazzjoni (75 % tal-fatturat tal-kumpaniji kollha b'responsabbiltà limitata), meta mqabbla mal-11 600 kumpanija attwali (47 % tal-fatturat tal-kumpaniji kollha b'responsabbiltà limitata). Il-kumpaniji kbar u dawk l-aktar ikkwotati kollha jkunu obbligati japplikaw standards ta' rappurtar mhux finanzjarju u jfittxu aċċertament għall-informazzjoni rrappurtata. B'paragun, huma biss madwar 20 % tal-kumpaniji l-kbar li bħalissa japplikaw l-istandards u 30 % biss qed ifittxu xi tip ta' aċċertament. L-opzjoni proposta se jkollha impatti pożittivi indiretti fuq id-drittijiet fundamentali, l-ambjent u s-soċjetà, minħabba li rekwiżiti ta' rappurtar aktar stretti jistgħu jinfluwenzaw l-imġiba korporattiva għall-aħjar. Pereżempju, madwar 45 % tal-kumpaniji li bħalissa jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-NFRD adottaw xi proċessi ġodda ta' diliġenza dovuta rigward kwistjonijiet ambjentali jew tad-drittijiet tal-bniedem minħabba r-rekwiżiti eżistenti tal-NFRD. |
| **X'inhuma l-ispejjeż tal-opzjoni ta' preferenza (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?** |
| L-ispejjeż totali stmati tal-opzjoni ta' preferenza għal dawk li jippreparaw huma ta' EUR 1 200 miljun fi spejjeż ta' darba u EUR 3 600 miljun fi spejjeż rikorrenti annwali. Jekk l-UE ma tieħu l-ebda azzjoni, hu mistenni li l-ispejjeż għal dawk li jippreparaw jiżdiedu ħafna xorta waħda, minħabba żieda fit-talbiet ta' informazzjoni mhux koordinati li jagħmlu l-utenti, in-nuqqas kontinwu ta' kunsens dwar liema informazzjoni jenħtieġ jirrappurtaw il-kumpaniji sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-utenti, u d-diffikultajiet persistenti biex tinkiseb l-informazzjoni mhux finanzjarja li dawk li jippreparaw jeħtieġu għal skopijiet ta' rappurtar mill-fornituri, il-klijenti u d-destinatarji ta' investiment. In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' *data* dettaljata biżżejjed jagħmilha impossibbli li jiġu kkalkulati l-ispejjeż għal dawk li jippreparaw fin-nuqqas ta' regoli ġodda. Madankollu, huwa stmat li l-użu tal-istandards jista' jwassal għall-iffrankar ta' spejjeż annwali ta' EUR 24 200-41 700 għal kull kumpanija (madwar EUR 280-490 miljun fis-sena għall-popolazzjoni attwali tal-NFRD u EUR 1 200-2 000 miljun fis-sena għall-opzjoni ta' preferenza), jekk l-istandards jeliminaw il-ħtieġa għal talbiet addizzjonali għal informazzjoni. L-opzjoni ta' preferenza ma għandha l-ebda impatt negattiv sinifikanti fuq is-soċjetà, l-ambjent jew id-drittijiet fundamentali. |
| **Kif se jintlaqtu l-intrapriżi, l-SMEs u l-mikrokumpaniji?** |
| Il-kumpaniji milquta se jiffaċċjaw żieda ġenerali fl-ispejjeż (ara t-taqsima preċedenti). Madankollu, l-opzjoni ta' preferenza għandha ttejjeb ukoll ir-reżiljenza tal-kumpaniji, peress li rappurtar aħjar iżid is-sensibilizzazzjoni tal-kumpaniji dwar ir-riskji relatati mas-sostenibbiltà u jtejjeb il-ġestjoni tar-riskju. Dan għandu jwassal ukoll għal vantaġġi għal dawk il-kumpaniji aktar sostenibbli, peress li se jkun aktar faċli li wieħed jidentifika lil dawk li jinsabu fuq quddiem fis-sostenibilità. Ir-rekwiżiti ta' rappurtar ma japplikawx għall-SMEs, ħlief għall-SMEs ikkwotati. Madankollu, se jiġu żviluppati standards ta' rappurtar simplifikati biex l-SMEs jużawhom fuq bażi volontarja. Dawn għandhom jippermettu lill-SMEs jissodisfaw it-talbiet għall-informazzjoni mill-klijenti ta' kumpaniji kbar u l-banek, u se jiffaċilitaw il-kontribut tagħhom għat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u l-parteċipazzjoni tagħhom fiha. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?** |
| L-ispejjeż tal-implimentazzjoni se jkunu madwar EUR 35,5 miljun, flimkien ma' EUR 5 miljun oħra fi spejjeż annwali, għall-iżvilupp ta' proċessi diġitali *ad hoc* u l-manutenzjoni tar-reġistri diġitali, li jirriżultaw minn rekwiżiti biex l-informazzjoni mhux finanzjarja tiġi tteggjata b'mod diġitali bħala parti minn din l-inizjattiva. L-Istati Membri jistgħu wkoll ikollhom xi spejjeż addizzjonali biex jorjentaw il-prijoritajiet tal-infurzar lejn rappurtar mhux finanzjarju. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?** |
| Skont l-opzjoni ta' preferenza, il-kumpaniji tal-UE jirriskjaw li jkollhom spejjeż ta' rappurtar ogħla minn dawk ta' kumpaniji mhux tal-UE, b'impatti negattivi fuq il-kompetittività internazzjonali tagħhom. Madankollu, xi kumpaniji globali x'aktarx li jiddeċiedu volontarjament li jikkonformaw mal-istandards obbligatorji tal-UE, u ġurisdizzjonijiet oħra diġà qed jintroduċu rekwiżiti jew inizjattivi ta' politika fil-qasam tad-divulgazzjonijiet relatati mas- |

| |
|---|
| sostenibbiltà. Barra minn hekk, il-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE x'aktarx li titjieb fuq medda itwal ta' żmien jekk l-istandards tal-UE jwasslu għal allinjament globali u jinfluwenzaw standards globali futuri possibbli. |
| **D. Segwitu** |
| **Meta se tiġi rieżaminata l-politika?** |
| L-evalwazzjoni se ssir meta tkun tista' tinġabar biżżejjed evidenza dwar l-impatti tal-inizjattiva (jiġifieri mill-inqas tliet snin ta' *data*), billi jitqies iż-żmien meħtieġ għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni possibbli tagħha, kif ukoll għall-ġbir tad-*data*. |